MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 279/2000/1

Avviz Nru:-279/00DM

Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & San Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alexander Falzon u l-istess Alexander Falzon

Vs

John Incorvaja

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma komplessiva ta' sitt mija tlieta u sebghin lira u centezmu (Lm673.0lc) in kwantu

ghal sitt mija tmienja u erbghin lira u centezmu (Lm648.0lc) his-socjeta attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lill-attur Alexander Falzon, in linea ta' danni — minnhom sborsati - in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Hal Tarxien fis-16 ta' Settembru 1999, meta waqt li 1-konvenut kien qed isuq vettura Nru IAZ *356* habat mal-vettura Nru. SOS-002 proprjeta tal-attur Alexander Falzon u misjuqa minnhu — prevja dikjarazzjoni li ghal dan 1-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u in osservanza tar-regolamenti.

B1-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar 2000 u dawk tal-ittra ufficjali ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' 1-avviz, kontra 1-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Incorvaja fejn eccepixxa illi:

1 It-talba attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur, u dan minhabba illi 1-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperijza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' 1-attur Alexander Falzon illi kien qed isuq il-vettura tieghu b'velocita' eccessiva, illi kienet il-kagun ta' 1-incident de quo;

2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-10 t' Ottubru 2002 fejn il-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta 1-quantum tad-danni izda biss ir-responsabilita..

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat 1-atti kollha tal-process; u
Ikkunsidrat:
Illi ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' tal-kollizzjoni in kwistjoni jirrizulta illi
1-vetturi misjuqin rispettivament mill-attur Alexander Falzon u 1-konvenut, John
Incorvaja,. kienu mixjin, ossia qed jinsaqu, fl-istess direzzjoni fl-istess Triq San
Anard, bil-karrozza tal-konvenut tipprecedi dik tal-attur.

Jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni kkontestata tal-istess attur, Alexander Falzon, illi Triq San Anard fid-direzzjoni li kienu mixjin il-vetturi tal-kontendenti, hija 'one lane' fis-sens illi ma kienetx destinata biex tippermetti zewg linji ta' vetturi jinsaqu fejn xulxin fl-istess direzzjoni.

Mid-deposizzjonijiet tas-sewwieqa jirrizulta illi 1-habta grat meta l-konvenut Incorvaja, avvicina 1-fetha hi hemm fit-Triq San Anard u li taghti ghal Zejtun Road, Hal Tarxien, liema fetha kienet fuq in-naha tax-xellug tal-karreggjata tal-istess sewwieqa.

Waqt illi l-attur Fahzon issostni illi huwa kien innota l-karrozza tal-konvenut izzomm fuq in-naha tal-lemin tal-karreggjata mbaghad ddur f'daqqa wahda fuq ix-xellug, biex b'hekk hasditu meta huwa kien qed jipprova jissorpassa minn fuq innaha tax-xellug taghha il-konvenut Incorvaja isosstni illi huwa ghamel manuvra regolari fis-sens, illi kien intenzjonat li jitlaq Triq San Anard billi jdur fuq ix-xellug u ghalhekk 1-ewwel indika bl-indikator li ried idur, naqqas il-velocita', zamm max-xellug tal-karreggjata u meta wasal fejn il-fetha huwa dar lejn ix-xellug.

L-istess konvenut isosstni illi ghalkemm esplora ghat-traffiku li kien gej warajh huwa ma kienx ra lill-attur izda spjega illi l-attur seta' kien distanza sostanzjali warajh.

Ghalhekk wiehed irid jezamina dawn iz-zewg verzjonijiet biex jistabihixxi jew liema wahda hija 1-iktar attendibbli jew biex jigi stabbihit jekk is-sewwieqa jew wiehed minnhom kienx hati ta' xi infrazzjonijiet tar-regolamenti tat-traffiku.

Minn ezami tal-post u posizzjoni ta' fejn irrizultaw il-hsarat fuq il-vetturi rispettivi jirizulta li l-hsara fil-vettura tal-konvenut Incorvaja kienet fuq il-gemb tan-naha tax-xellug tal-vettura, ikkoncentrata fuq in-naha ta' wara ta' dan il-genb tax-xellug. Dan bil-fors jimplika illi 1-istess konvenut kien effettivament espona dan il-genb tieghu lit-traffiku li kien gej minn warajh fit-Triq San Anard. Ghalhekk il-konkluzzjoni logika hija li effettwament il-konvenut kien qieghed isuq fuq il-lemin tal-karreggjata meta ddecida illi jdur lejn ix-xellug tieghu ghaliex b'hekk biss setgha jippresenta dan il-genb tax-xellug lit-traffiku gej minn warajh fl-istess karreggjata.

Kieku 1-konvenut kien qed isuq ezattament mal-istrip divizorja bejn it-triq u s-"service road', huwa f'ebda mument qabel ma jdur lejn Zejtun Road ma seta' jesponi l-genb xellugi tieghu f'kaz ta' habta l-hsara fil-karrozza tieghu kienet tkun fuq in-naha ta' wara biss.

Ghalhekk jirrizulta illi 1-manuvra li ghazel il-konvenut, fejn iddecieda illi biex idur ghax-xellug jzomm fuq il-lemin tal-karreggjata, hija manuvra sbaljata u evidentement ta' tfixkel lit-traffiku li jkun qed isegwi.

Mill-konfigurazzjoni tat-toroq jirrizulta illi din il-manuvra tal-konvenut ma kinetx necessarja biex huwa setgha jdur bil-kumdita' fuq ix-xellug tieghu.

Min-naha 1-ohra l-attur Falzon, anke jekk gie iffaccjat b'vettura fil-karreggjata tieghu fi qedgha zzomm xi ftit fuq il-lemin, u li forsi ma kienetx qed tindika car x'manuvra riedet taghmel, qatt ma kien gustifikat illi jipprova jissorpassa traffiku ta' quddiemu minn fuq in-naha tax-xellug, senjatament meta, kif jammetti huwa stess, il-

manuvra li kienet qed taghmel il-vettura quddiemu kienet qed tiddisturbah.

Ghalhekk wara li 1-Qorti qieset dawn ic-cirkostanzi, issib illi z-zewg sewwieqa kkontribwew ghall-kollizzjoni li grat bejniethom u ghandhom jigu tenuti responsabbhi ghall-istess kollizzjoni fi grad ta' nofs (1/2) kull wiehed.

Billi ma saretx kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni illi gie stabbilit fis-somma ta' Lm673.00 (silt mija u theta u sebghin hira Maltin), il-konvenut ghandhu jigi tenut ii jghamel tajjeb ghal nofs (1/2) dan l-ammont.

Ghaldaqstant qedghha tilqa t-talba attrici limitatament billi tiddikjara illi 1-konvenut huwa responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni fi grad ta' nofs u ghalhekk qedghha tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi flimkien is-somma komplessiva ta' Lm336.50 (tlett mija u sitta u tletin hira Maltin u hamsin centezmi) bl-imghax legali mit-8 ta' Marzu 2000;

Bl-ispejjez jithallsu mill-kontendenti nofs (1/2) mill-atturi u nofs (1/2) mill-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------